**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jessica Grima]**

**vs**

**Glenn Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 107/13**

**Illum, 8 ta' April, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Glenn Camilleri detentur ta' karta tal-identità bin-numru 541993M akkużat talli, f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-Mosta, nhar il-24 ta' Novembru 2012 ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart (13:45hrs)

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddehor f'periklu car, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Dennis Bugeja hekk kif iccertifikat mit-tabib Dr. Alison Micallef bin-numru tar-registrazzjoni mediku 3005;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema dannu jeccedi l-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma jeccedix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghas-sigurta' tal-imsemmi Dennis Bugeja.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi semghet ix-xhieda ta' **Dr Alison Micallef** fejn hija kkonfermat ic-certifikat mediku minnha mahrug u fejn kienet ezaminat lil Dennis Bugeja fejn fuq ic-certifikat kienet nizzlet li dan kien qallha li kien intlaqghat b'oggett tal-metall fejn dan kellu qata' fuq imniehru li kellu bzonn tigi mehjuta izda ma kellux fratturi.

**PS 1574 Renaldo Cremona** xehed illi fl-24 ta' Novembru 2012 ghall-habta tas-13:45 kien dahal gewwa l-ghassa tal-Mosta Dennis Bugeja b'imniehru bid-demm. Illi dan kien gie flimkien ma' Johann Sciberras fejn dan stqarr mieghu illi aktar kmieni filghodu kienet rassithom vettura x'aktarx EBO 847 tal-marka Toyota Tercel, fuq it-traffic lights tal-Imsida fejn din imbaghad qabzithom u baqghet sejra. Qallu wkoll illi meta dawn waslu d-dar ta' Dennis Bugeja l-Mosta fi Triq il-Planec, raw din l-istess karozza u l-persuna tistennihom barra u ghalhekk qal lil Dennis sabiex jitilqu

minn hemm. Izda kif ra hekk, Sciberras jghid illi din il-persuna giet tigri fuqhom b'hadida ta' lewn ahmar li beda jaghti biha fuq il-karozza kif ukoll fuq Dennis Bugeja. It-tnejn gharfu lill-imputat bhala dik il-persuna fuq is-sistema tal-PIRS.

**Johann Sciberras** jixhed illi kif kien l-Imsida ma' Dennis Bugeja bhala xufier fuq il-lights giet vettura Toyota Tercel griza u rassithom. Jikkonferma mbaghad li meta waslu l-Mosta regghu raw din il-vettura fejn lemhu l-imputat b'hadida f'idejh u xhin kienu ghadhom fil-karrozza l-imputat ta daqqa lil Dennis fuq wiccu bis-sahha u fuq il-karozza. Jghid illi kien hemm xi haddiema tal-Enemalta li raw l-incident kollu. Jghid illi lill-imputat kien jafu minn wiccu izda qatt ma kellu xi argument mieghu.

Xehed il-parte civile **Dennis Bugeja** li kkonferma dak li qal Johann Sciberras qablu u jzid illi l-imputat kien ma' persuna femminili meta dawn waslu l-Mosta. Jghid illi hu qatt ma kien kellmu lill-imputat. Ix-xhud esebixxa sett ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok. DB, ic-certifikat mediku– Dok. DB1, stima tal-hsara fuq il-vettura – Dok. DB2.

Inkontroezami x-xhud innega li kien hemm xi dizgwid bejn Johann Sciberras u l-imputat l-Imsida fejn tal-ewwel hareg ghall-imputat izda kkonferma biss li kien hemm rass bil-karrozzi. Jinnega wkoll illi huma qatt ma hargu ghall-imputat meta kienu l-Mosta u lanqas bdew jaghtu fuq il-karozza tieghu anke jekk din kellha marki tad-daqqiet tas-sieq. Ma jafx ukoll, fuq domanda tal-avukat difensur, kif l-imputat spicca b'daqqiet go wiccu u subajh minfuh. Jghid illi l-argument kien bejn Johann u l-imputat u ma jispjegax ghaliex dan gie jaghti daqqa lilu.

Xehdet ukoll **Louise Pace** li kienet passiggiera mal-imputat fejn tghid illi qabel ma waslu hdejn it-traffic lights il-vettura taghhom u dik tal-parte civile bdew itellqu biex imbaghad meta waslu fuq it-traffic lights ghax kienu homor nizlu tal-vettura l-ohra li kienet warajhom u qabdu jtuh bil-ponn. Tghid ukoll illi hija harget mill-karozza biex tghidilhom biex jitilqu fejn dawn hekk ghamlu u meta saqu Glenn saq ghal warajhom. Tghid illi meta waslu l-Mosta u kien hemm l-ohrajn nizlet mill-karrozza biex tghajjat ghall-ghajjut ghaliex kienet taf li kienu ser jiggieldu. Tghid illi Glenn mar hdejn il-karrozza taghhom u ggieled maghhom fejn imbaghad wiehed minn dawn it-tnejn hareg mill-karozza ghal Glenn. Illi hija ma setghetx tikkonferma min ta l-ewwel daqqa ghaliex kienet qieghda tghajjat ghall-ghajjut.

Finalment xehed **<u>Glenn Camilleri</u>** li spjega kif kienu qabel il-lights u l-karrozza ta' lewn ahmar li kienet ma' genbu bdiet tirrejzja u meta din waqfet warajh fit-traffic Birkirkara nizlu ghalih it-tnejn u bdew ituh go wiccu u gol-bieba ghaliex bdew jghidu li hu kien rasshom izda fil-fatt ma kienx veru. Jghid illi hu kien jaf li huma mill-Mosta izda qatt ma kellimhom. Jghid illi huwa xorta wahda kellu jmur il-Mosta ghand habib tieghu meta kien hemmhekk li rahom. Jghid illi dawn regghu hargu ghalih mill-ewwel u hu ddefenda lilu nnifsu billi ta daqqa ta' ponn izda nnega li huwa qatt kellu jew uza xi hadida. Jghid illi konsegwenza ta' dan l-incident sofra daqqa f'wiccu, hwejjeg imqattghin u xi haga f'subajh u zewg ghafsiet fil-karozza tieghu peress li bdew ituha bis-sieq.

**<u>Ikkunsidrat</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemxejn differenti mhumiex xorta wahda 'l boghod minn xulxin. Illi apparti mill-fatt illi kien hemm numru ta' xhieda li xehdu li raw l-incident u li l-imputat ipprovoka dan kollu, il-Qorti tinnota li dawn kollha kienu hbieb tal-parte civile. Illi però jigi nnutat illi l-verzjoni tal-imputat hija l-aktar wahda veritjiera u dan ghaliex ma taghmilx sens illi l-imputat kellu jibqa' jistenna lill-parte civile u siehbu l-

Mosta sabiex intenzjonalment jaggredihom meta dan lanqas biss qatt tkellem maghhom u l-anqas ma kien inqala' xi ncident qabel bejniethom. Aktar taghmel sens il-verzjoni tal-imputat ikkorroborata mill-verzjoni tal-ex siehba tieghu, li effettivament il-parte civile u siehbu hargu ghall-imputat meta kienu l-Imsida ghaliex dawn hasbu li kien qed irosshom bil-karozza. Il-Qorti temmen ukoll il-verzjoni tal-imputat meta jghid illi huwa ltaqa' maghhom kazwalment il-Mosta ghaliex ried imur ghand habib tieghu u hemmhekk sar argument iehor. Il-Qorti mhijiex ukoll konvinta li l-prezenza tal-parte civile u siehbu kienet kazwali u minflok kienu qeghdin isegwu lill-imputat biex ikomplu jpattuha lilu fuq l-incident ta' qabel.

Inoltre' a rigward tal-griehi subiti hareg car illi l-parte civile kellu gerha fuq imniehru kompatibbli ma' dak li kien qal l-imputat meta kien qed jiddefendi ruhu izda mhix kompatibbli ma' dak li kien xehed il-parte civile u siehbu li l-imputat tah daqqa ta' hadida fuq imniehru li tant kienet vjolenti. Bir-rispett kollu din l-asserzjoni mhix kredibbli ghaliex jekk intuzat hadida u nghatat daqqa bil-forza l-griehi kienu jkunu aktar sostanzjali possibilment bi fratturi. Illi inoltre' rrizulta wkoll illi l-imputat sofra xi griehi minn dan l-incident li huwa spjega kif sehhew fix-xhieda tieghu bil-gurament.

Illi l-verzjoni tal-imputat hi li ddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-parte civile u siehbu li tali verzjoni hija kredibbli u ssib konfort legali.

Illi f'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro</u>** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li:

> Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti:

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi ghalhekk din il-Qorti thossha konvinta illi l-agir tal-imputat kien wiehed ta' legittima difeza li kienet wahda fil-limiti preskritti mil-ligi.

Hawnhekk qed issir ukoll riferenza ghas-sentenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa**, fejn inghad illi:

> *"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Illi finalment a rigward it-tieni (2) akkuza u cioè dik tal-hsarat volontarji din il-Qorti qed terga' ttenni li gialadarba mhix qed temmen il-verzjoni tal-parte civile u gialadarba l-ex siehba tal-imputat ma ratx kif gara l-incident stante li kienet qed tghajjat ghall-ghajjut, ma hemm xejn fl-atti li jorbot dawn il-hsarat mal-imputat. Inoltre' l-istima tal-hsarat qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament mill-

persuna li hargitha u ghalhekk ma hemmx prova sufficjenti ta' dawn il-hsarat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Glenn Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati u konsegwentement tilliberah minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**